# Ħidma matul is-sena

## Statwa ġdida tal-Bambina għall-manifestazzjoni tat-tfal

Fl-2018 saret għall-ewwel darba d-dimostrazzjoni bl-istatwa ċkejkna tal-Bambina għat-tfal kollha tal-parroċċa. Dakinhar kienet intużat l-istatwa tal-Bambina li tintrama fuq l-istatwa ta' Malta Rebbieħa fil-pjazza fil-jiem tal-festa. Wara ħidma mill-Kumitat Festi Esterni, fis-sena 2019 iżżanżnet statwa ġdida tal-Bambina sabiex tibda tintuża għal din id-dimostrazzjoni li ssir fil-jiem ta' qabel il-festa. Ix-xogħol fuq din l-istatwa sar mill-artist Manuel Farrugia. Charles Zarb ħadem għaliha bradella tal-injam sabiex fuqha titpoġġa din l-istatwa u tkun tista' tinġarr mit-tfal.



## Apparat u armar għall-knisja

Fis-sena 2020 ġiet irrestawrata l-ħames linfa tal-kristall mis-sett li jintramaw fin-navi tal-korsija fil-jiem tal-festa. B'hekk, għall-festa tas-sena l-oħra, wieħed seta' jinnota li l-linef il-kbar armati fil-knisja, issa kienu qed jerġgħu jitgawdew fl-aqwa tagħhom u b'dehra isbaħ. Minbarra t-tindif u l-bdil tal-kristall fejn meħtieġ, u xi modifikazzjonijiet fid-disinn tal-linfa, sar ukoll tibdil tad-dawl u l-bozoz użati. Dan ix-xogħol sar b'reqqa minn Marcus Mifsud. Nirringrazzjaw lil Ġuża Delia u Maria Fenech (tal-Linja) u lil dawk kollha li għenu f'dan il-proġett bid-donazzjonijiet tagħhom.





Għall-festa tas-sena l-oħra sar ukoll tindif fuq sett brazzi li jintramaw fuq is-sedji tal-kor fil-jiem tal-festa. Minbarra li l-globi tal-ħġieġ tagħhom kienu fi stat ħażin – b'diversi minnhom imkissrin jew imxellfin u oħrajn mibdulin u ma jaqblux mas-sett – il-wires u s-sistema tad-dawl tagħhom kienu antiki ħafna. Għalhekk, inxtraw sett globi ġodda, simili ħafna għal dawk eżistenti, ġie mnaddaf il-metall tal-brazzi u ġew mgħoddija wires ġodda. Nirringrazzjaw lil Frans Muscat li ħa ħsieb jagħmel dan ix-xogħol.

Sar ukoll it-tindif ta' sett gandlieri tar-ram li se jibdew jintramaw fuq l-altar maġġur fi żminijiet speċjali ta' thejjija għall-festi importanti, primarjament l-Avvent, ir-Randan u matul il-ġimgħat li fihom jiġu ċċelebrati d-disa' Sibtijiet tal-Bambina. Nirringrazzjaw lill-benefattur li ħallas għal dan ix-xogħol.

Fi żmien l-Avvent u l-Milied u fi żmien ir-Randan u l-Għid qed jerġa' jibda jiġi armat it-tużell. Fl-imgħoddi dan kien ikun armat is-sena kollha, imbagħad tinbidel jew tiżdied miegħu xi skultura u dekorazzjoni oħra għall-festa ta' Marija Bambina. Il-kulur tad-drapp tat-tużell jinbidel skont iż-żmien liturġiku li nkunu fih. Matul din is-sena nxtara u nħiet drapp ġdid ta' lewn abjad, il-kulur liturġiku użat fi żmien il-Milied u l-Għid. Nirringrazzjaw lill-benefattur li ħallas għal dan id-drapp. Nirringrazzjaw ukoll lil Anna Bellia li għamlet ix-xogħol ta' ħjata.

## Restawr tal-pittura titulari

Matul din l-aħħar sena sar ukoll ir-restawr tal-pittura titulari, li tirrappreżenta t-twelid tal-Madonna. Għalkemm minn dejjem jingħad li x-xogħol kien skola tal-Preti, kien il-Professur Keith Sciberras li attribwixxa din il-pittura lil Giuseppe d'Arena, liema xogħol sar madwar l-1705. Ix-xogħol ta' restawr fuq din il-pittura sar minn Luca Antonio Gatt mill-kumpanija REVAMP. Dan ir-restawr se jkun inawgurat fis-27 t'Awwissu, fejn is-Sur Gatt se jkun qed jagħmel ukoll taħdita dwar il-proċess u x-xogħol li dan ir-restawr kien jinvolvi. Nirringrazzjaw lill-benefattur li ħallas għal dan il-proġett.







## Restawr u manutenzjoni tal-arloġġ tal-kampnar

Matul din is-sena wkoll beda xogħol ta' tiswija u restawr fuq l-arloġġ tal-knisja. Ix-xogħol huwa maqsum fi tliet sezzjonijiet: il-magna tal-arloġġ innifsu, il-makkinarju u l-istruttura tal-imrietel biex idoqq l-arloġġ u l-wiċċ u l-minutieri tal-kwadrant tal-faċċata tal-knisja. Minħabba li dan l-arloġġ huwa tas-seklu 18, fil-magna mhux qed jintuża welding ta' żmienna, imma qiegħda tintuża teknika ta' irbattitura kif kien isir fiż-żmien meta sar l-arloġġ. Dan jieħu ħafna żmien biex isir iżda t-tiswija tkun qed issir kif suppost fuq arloġġ antik bħal dan. Qed jinbidlu l-ingranaġġi tal-magna li ttieklu maż-żmien u qiegħda tiġi mnaddfa minn żjut u żebgħa li mhix oriġinali. Il-bdil ta' xi affarijiet li huma mikulin fil-magna qegħdin jinbidlu bl-istess materjali. L-imrietel tal-arloġġ ta' ħdejn il-qniepen, maż-żmien, saddew u ttieklu xi partijiet minnhom. Dawn qed jissewwew u ħa jkollhom ġonot ġodda biex ikunu ħfief biex jindaqqu mill-arloġġ. L-istruttura tal-imrietel qed tiġi msewwija fejn meħtieġ u mogħtija kisjiet li jipproteġu mill-elementi. Dan ix-xogħol qed isir minn Stephen Zammit u r-restawr tal-minutieri u l-kwadrant qed isir minn Joseph Aquilina.

## Restawr tal-kor tal-knisja

Matul ix-xhur li għaddew tkompla wkoll ir-restawr fil-kor tal-Kolleġġjata mill-kumpanija CREAID. Wara x-xogħol li sar fin-naħa ta' fuq – l-apside – il-ħidma tkompliet fuq in-naħa t'isfel, fejn il-ħsara kkawżata mill-umdità u l-melħ fil-ġebla kienet evidenti ħafna. Matul dan il-proċess saru bosta studji u provi sabiex intgħażel it-trattament l-aktar xieraq fiċ-ċirkostanzi li indirizza l-ħsarat imsemmija. Issa li l-ħitan taz-zukklaturi tlestew miż-żebgħa, qed jiġu osservati mill-qrib għal kif qed jirreaġixxu għat-trattament magħżul. Bit-tlestija ta' din il-parti tal-kor tal-knisja, il-ħsieb huwa li l-proġett ikompli bir-restawr tal-altar tal-kor u bir-restawr tas-sedji.

### Manutenzjoni fuq l-irħam tal-art

Fil-bidu ta' din is-sena ġiet żviluppata ħsara f'parti żgħira mill-paviment tal-irħam fil-korsija. Din kienet ikkawżata minn ilma li kien qed jidħol taħt l-irħam, b'konsegwenza li l-istess irħam niżel. Meta nqala' l-irħam, instab li taħtu kien hemm biss ftit tajn u ħamrija. Għalhekk, inħass il-bżonn li jitpoġġa bricks u jingħata l-konkos biex l-irħam jerġa' jitpoġġa fuq bażi iktar stabbli. Nirringrazzjaw lil Carmel Cachia u lill-volontiera li għamlu dan ix-xogħol.



### Rinovazzjoni tal-Mużew Parrokkjali

Nhar it-23 ta' April 2021 ġie ffirmat ftehim bejn l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari, li bih l-għaqda msemmija ser tirċievi somma flus biex jiġi modernizzat il-Mużew Parrokkjali. L-Għaqda daħlet għal dan il-ftehim billi kienet qabel daħlet fi ftehim mal-Arċipriet li tibda tieħu ħsieb il-Mużew. Il-Mużew Parrokkjali ser jieħu dehra aktar professjonali fejn l-esibiti jkunu jistgħu jitgawdew aħjar. Bil-ftehim mal-Ministeru, l-Għaqda ntrabtet li tibda tiftaħ il-Mużew regolarment.



*Ritratt meħud mill-paġna ta' Facebook Għaqda Kulturali Wirt Naxxar*

### Ħidma fl-Arkivju Parrokkjali

Membri tal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari ilhom minn Ottubru tal-2020 jikkatalogaw il-manuskritti kollha li hemm fl-Arkivju Parrokkjali. Dan ifisser li kull manuskritt, dokument sfuż jew volum sħiħ, jiġi kkatalogat skont il-kontenut tiegħu. Id-dokumenti huma kollha merfugħin f'kaxxi apposta. Imbagħad f'Diċembru 2020 sar ftehim mal-Malta Study Centre ta' Hill Museum and Manuscript Library, Minnesota, USA, fejn dawn aċċettaw li jiffotografaw dawn id-dokumenti biex ikollna kopji diġitali fuq il-computer. Dan kien proġett li ħa sitt xhur sħaħ u issa nistennew li fi ftit xhur oħra wieħed ikun jista' jaċċessa u jara l-materjal kollu minn fuq l-internet.



### Restawr tal-bini tal-knisja minn barra

Fix-xhur li għaddew tkompla r-restawr fuq il-bini tal-knisja. Wara li tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett, bir-restawr tal-faċċata tal-knisja (mill-frontispizju 'l isfel), ix-xogħol tkompla fuq il-koppla tal-knisja. Minbarra t-tindif u r-restawr fuq il-ġebla, sar ix-xogħol meħtieġ biex titwaqqaf l-infiltrazzjoni tal-ilma li kienet qed tikkawża bosta ħsarat. Wara li tlesta x-xogħol fuq il-koppla, il-proġett għadda għat-tielet fażi tiegħu li tinvolvi r-restawr tal-kampnari u l-istatwi l-kbar ta' fuq il-frontispizju li jirrappreżentaw il-Fidi, it-Tama u l-Imħabba.



**Restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fil-pjazza**

Qed isir xogħol ta' restawr fuq l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fil-pjazza. Din l-istatwa, li hija proprjetà tal-parroċċa tan-Naxxar, turi lill-Madonna b'Ġesù Bambin fl-id ix-xellugija, filwaqt li bl-id il-leminija tidher qed turi u tippreżenta l-Labtu tal-Karmnu. Ix-xogħol, li qed isir mill-kumpanija CREAID, jinvolvi studji xjentifiċi, it-tindif u r-restawr kemm tal-istatwa kif ukoll tal-pedestall, ilkoll maħdumin fil-ġebla. Il-ħsara hija estensiva. Huma bosta t-tiswijiet tal-passat, li wħud minnhom saru saħansitra bil-konkos. Dawn qed jitneħħew bil-galbu biex jinkixef dak li fadal mill-qafas oriġinali. Fejn meħtieġ, il-ġebla li fil-pedestall tilfet is-saħħa strutturali tagħha, qed tinbidel ma' ġebla ġdida b'lavur magħmul biex jaqbel ma' dak eżistenti.


